# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**

**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**[Spettur Rennie Stivala]**

**vs**

**Kris Farrugia**

**Kumpilazzjoni Numru: 871/15**

**Illum, 31 ta' Jannar 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Kris Farrugia detentur tal-karta tal-identita` numru 538093M

Akkuzat talli bhala ufficcjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bhala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, f'dawn il-Gzejjer, bejn ix-xhur ta' Frar 2015 u Awwissu 2015, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Li in konnesjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalih huwa ma kellux jedd, li barra milli accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, fil-fatt naqas li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel;

2. Li in konnesjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalih huwa ma kellux jedd, ghall-fatt biss li jkun accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta sabiex l-ufficcjal, jew impjegat jonqos li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel;

3. Li in konnesjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalih huwa ma kellux jedd, sabiex l-ufficcjal jew impjegat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel;

4. Ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fl-Artikolu 121A subartikolu (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Sew jekk kellu, kemm jekk ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skont il-ligi, u liema ezazzjoni kontra l-ligi saret b'abbuz ta' awtorita';

6. Irrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet foloz jew taghrif falz lil Awtorita' Pubblika a tenur ta' l-artikoli 42 u 188 tal-Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 199 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sittax (16) ta' Frar elfejn u tmintax (2018) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi taht liema tista' tinstab htija:

1. Fl-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-Artikolu 115(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-Artikolu 115(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikolu 115(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 121A(2), 121A(1) u 121A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 112 u 113 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-Artikoli 42, 43 u 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fl-Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju elfejn u tmintax (2018) l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kawza tkompli tinstema' minn din il-Qorti.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Xehdet <u>**Maria Bartolo**</u> li kkonfermat li giet imressqa quddiem il-Qorti wara li ammettiet ghall-akkuzi migjuba kontriha u liema

sentenza hi m'appellatx minnha. Hija qalet li kienet tahdem mal-Identity Malta fejn spjegat li xoghlha kien tiehu ritratt tal-persuna li jmur ghal *resident permit*, tiehu l-*fingerprints* u l-firma taghhom u tirregistraha fis-sistema. Qalet li Kris Farrugia (l-akkuzat) kien jahdem maghha. Spjegat li hija giet imressqa l-Qorti ghaliex kienu tawha xi flus biex tapprova certi *residence permits.* Qalet li Kris Farrugia kien avvicinaha u offrielha flus (mitejn ewro) ta' kull permess. Wara, kien beda jghaddilha l-flus certu Ezedin minflok Kris Farrugia. Qalet li b'kollox irceviet bejn wiehed u iehor hdax-il elf (11,000).

Xehdet <u>**Rafaella Sikali Mallia**</u> li kkonfermat li giet imressqa l-Qorti u nghatat sentenza, liema sentenza hi m'appellatx minnha. Qalet li kienet tahdem mal-Identity Malta u qalet li s-sezzjoni li kienet tahdem fiha kienet tan-*non-EU members.* Qalet li l-imputat kien jahdem maghha. Spjegat li hi giet imressqa l-Qorti ghar-raguni li giet moghtija rigali li hi accettat. Spjegat li Kris Farrugia kien qalilha li kellu xi xoghol pendenti u li kellu bzonn l-ghajnuna u qal lilha biex taghmillu dan ix-xoghol. Qalet li Kris Farrugia offrielha mitt ewro (€100) ghal kull applikazzjoni u li kien offrielha flus ghaliex kellu xi listi ta' studenti li ried ilesti imma ma riedx jaghmilhom fuq

ismu ghax kellu hafna. Qalet li wara ftit zmien, bdiet tirrealizza li kien hemm xi haga hazina fid-dokumenti li bdiet tircievi u tghid li wara li Kris Farrugia hallasha darbtejn (total ta hames mitt ewro), hi ma regghetx accettat li taghmel dan ix-xoghol. Tghid li l-imputat qalilha li jahseb li d-dokumenti kellhom it-timbru mbaghbas. Spjegat li anka d-dokumenti tal-bank kellhom l-izbalji fuqhom u ghalhekk bdiet tinduna li hemm xi haga hazina.

Din ix-xhud tispjega li l-imputat talabha taghmel dan ix-xoghol darbtejn u t-tielet darba talabha jekk tridx taghmel izjed minn dan ix-xoghol izda hi qaltlu le. Tghid li l-imputat qalilha li kien jircievi hames mitt ewro (€500) ghal kull applikazzjoni. Tirrispondi ghall-mistoqsija tal-Ispettur fejn saqsietha jekk kinitx taf minn fejn kienu qeghdin jigu l-flus li kien itiha l-imputat. Ix-xhud tghid li Kris Farrugia kien qalilha li l-flus igibhom minghand Ezedin u Zigy.

Fir-riezami, ix-xhud regghet stqarret li wara li talabha jekk riditx tkompli taghmel dawn l-applikazzjonijiet, hi m'accettatx ghaliex indunat li kien hemm xi haga hazina fihom.

Xehed **Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' ETC fejn esebixxa l-*employment history* ta' Dylan Difesa (Dok 'JS1') u ta' Kris Farrugia (Dok 'JS2').

Xehed **Ryan Spagnol**, is-*Senior Manager* tal-*Identity Malta and Department of Citizenship and Expatriate Affairs* u jaghti spjegazzjoni ta' dwar xiex kienu z-zewg investigazzjonijiet li saru fid-dipartiment. Rigward l-investigazzjoni tad-dokumenti foloz ta' studenti barranin, jixhed li l-investigazzjoni kienet dwar studenti, li kienu japplikaw ghall-permess ta' residenza fuq bazi ta' studju hawn Malta. Jghid li minn din l-investigazzjoni, kien irrizulta li kien hemm *pattern* internament fejn it-timbri kienu qed jinstabu kollha bl-istess difett, u jghid li hafna minnhom kienu jkunu *photocopies* u mhux dokumenti originali. Jghid li kien hemm l-*account numbers* hafna minnhom fittizji, kien hemm bilanci fil-kontijiet li seta' kellhom certi difetti u kien hemm certi numri u bilanci li dehru f'iktar minn kont wiehed. Jispjega li kien hemm drabi fejn suppost l-applikant kien gibed il-flus mill-bank, pero` minflok li kienu jizdiedu kienu jonqsu. Imbaghad jghid li kienet bdiet l-*issue tal-bank statements originali.* Ix-xhud jaghti spjegazzjoni dettaljata tal-procedura sabiex jinhareg ir-*residence permit*. Jixhed li kien

qed ikun hemm persuni li kienu qeghdin jigbru l-*cards* ta' persuni ohrajn. Jghid li meta kien beda jahdem hemm hu kien diga` hemm hafna allegazzjonijiet u kien qed jinduna wahdu li kien hemm dizordni fid-Dipartiment. Jghid li kien hemm Rafaella Sikali Mallia li kienet inqabadet misset zewg *cards* u kienet giet mistoqsija fuqhom u indikatlu lil Maria Bartolo u Kris Farrugia li setghu kienu qeghdin jaghmlu aghar minnha.

Jispjega li fil-kaz ta' Kris Farrugia, ried inehhih mil-*Front Office* ghaliex ma kienx kuntent li certi nies kienu jigu qishom ikellmu lil xi hadd li huma familjari tieghu aktar milli mpjegat f'Dipartiment tal-Gvern, u jghid li ghalhekk, poggih jahdem *Back Office,* li jirrikjedi li min jahdem fil-*Back Office* ikun irid jerga' jara d-dokumenti, idur id-dati u mbaghad jiddeciedi jekk l-applikant ikollu l-applikazzjoni tieghu approvata jew le. Jghid li meta eskalat l-investigazzjoni, Kris Farrugia kien gie sospiz immedjatament. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni dwar kemm hemm applikazzjonijiet illi rrizultaw illi ddahhlu xi dokumenti mhux genwini, jistqarr li hu ghadda iktar minn mija u hamsin (150) lill-pulizija.

Xehed <u>Joseph Saliba</u> inrapprezentanza ta' ETC fejn esebixxa l-*employment history* ta' Maria Bartolo (Dok 'JS3'), Buck Abela (Dok 'JS4') u Raffaella Sikali Mallia (Dok 'JS5').

Xehdet <u>Gertrude Spiteri</u>, li hija Chief Officer HR tal-*Identity Malta,* fejn esebiet kuntratti tax-xoghol ta' Raffaela Sikali Mallia, Buck Abela, Maria Bartolo u Kris Farrugia. Tispjega bejn min saru dawn il-kuntratti fejn tghid li l-kuntratti ta' Raffaela Sikali Mallia u Buck Abela saru ta' Identity Malta wara sejha ta' applikazzjoni mill-ETC, u l-kuntratti ta' Maria Bartolo u Kris Farrugia saru mas-*secretarial service* li kienu ilhom b'kuntratt mad-dipartiment mit-2012 u allura, zammew l-istess kuntratt u l-istess kuntrattur. Tispjega li l-impjegati tal-*Identity Malta* meqjusin bhala ufficjali pubblici li jridu jzommu mar-regoli tal-Public Service.

Xehed <u>Rennie Stivala</u>, spettur fl-Iskawdra ta' Kontra r-Reati Ekonomici. Jispjega li fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru 2015 kien ircieva struzzjonijiet minghand il-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga allegat ta' *wrongdoing*, allegati abbuz fi hdan l-*Identity Malta* mis-sezzjoni ta' fejn kienu jinhargu l-permessi tar-residenza ghall-persuni li jigu minn barra l-Unjoni Ewropea. Jibda

billi jispjega rigward Dylan Difesa fejn kien mar flimkien ma' PS 476 Friggieri biex ifittxu lil Dylan Difesa fir-residenza tieghu f'Bahar ic-Caghaq. Kien hemm xi membri maghhom tas-*Cybercrime* li kienu elevaw xi *laptops* u xi *iPads* mir-residenza tieghu. Dylan Difesa kien gie arrestat u haduh id-Depot. Dylan Difesa spjega lill-pulizija li hu kellu kuntatt ma' wiehed Buck Abela li kien jahdem gewwa *Identity Malta* biex jikkonvincih jibda jghaddilu l-cards tal-permessi tar-residenza. Jghid li Difesa spjegalhom illi kien offra hamsa u ghoxrin ewro (€25) lil Buck Abela ta' kull card li kien lest li jghaddilu. Difesa spjegalhom ukoll illi gieli baghat terzi persuni jigbru cards ta' haddiehor, li kienet xi haga kontra l-procedura tad-dipartiment. Difesa spjegalhom ukoll illi gieli mar il-Mosta ghand persuna bl-isem ta' Sammy fejn dan kien iforni lil dawn in-nies b'dokumenti bankarji li huwa wiehed mir-rekwiziti li *Identity Malta* kienet titlob biex jaraw li persuna (meta titlob permess ta' residenza bhala student/a) hija finanzjarjament f'qaghda li tmantni lilha nnifisha ghall-istudji taghha. Difesa semma' wkoll lil Maria Bartolo, Raffaella Sikali Mallia u Kris Farrugia illi lkoll kienu mpjegati ta' *Identity Malta* filwaqt li spjega l-involviment taghhom f'din il-bicca tax-xoghol. L-ispettur prezenta l-istqarrija li kien ghamel Dylan Difesa fl-ufficju tal-Ispettur Yvonne Farrugia fil-25

ta' Settembru 2015, liema stqarrija giet immarkata bhala Dok 'RS5'.

L-Ispettur jaqleb biex jitkellem dwar l-imputat. Jghid li wara li saret *search* fid-dar tieghu fejn gew elevati diversi affarijiet fosthom €1,000 fi flus kontanti. Gew elevati wkoll zewg *mobiles,* wiehed tal-ghamla Samsuns S5 ta' lewn iswed u iehor Blackberry Android Note 2 (liema kulur ma giex imsemmi mill-Ispettur). Jghid li kien hemm ukoll *envelope* bil-*bank statements* u rcevuti u kif ukoll *notebook* b'xi numri miktubin fuqu. L-Ispettur ipprezenta kopja ta' ricevuta ta' dawn l-oggetti, immarkata bhala Dok 'RS1'. Jispjega li Kris Farrugia ddecieda li ma jikkonsultax ma' avukat qabel tibda l-interrogazzjoni tieghu liema dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali giet immarkata bhala Dok 'RS2'. L-Ispettur ikompli jixhed fuq dak li qal l-imputat waqt l-istqarrija tieghu, liema stqarrija giet iddikjarata nulla. L-istqarrija li rrilaxxa l-imputat giet immarkata bhala Dok 'RS3'.

Illi fis-seduta tal-hdax (11) ta' Settembru elfejn u ghoxrin (2020) id-difiza tablet l-isfilz tal-istqarrija tal-imputat u kwalunkwe

referenza li saret ghaliha fl-atti stante li l-imputat ma nghatax id-dritt li jkollu l-avukat prezenti.

Illi permezz ta' sentenza preliminari moghtija fl-erbgha (4) ta' Dicembru elfejn u ghoxrin (2020) il-Qorti ddecidiet li l-istqarrija li nghatat mill-imputat m'ghandhiex tigi kkunsidrata ghad-determinazzjoni tal-htija o meno tal-imputat u bl-istess mod kwalunkwe evidenza relatata jew li tirreferi ghall-istess ukoll m'ghandhiex tittiehed inkonsiderazzjoni.

Xehdet **l-Ispettur Yvonne Farrugia** li kienet stazzjonata fl-*Economic Crimes Unit*. Tghid li kienet giet moghtija struzzjonijiet mill-Kummissarju tal-Pulizija fejn kien talabha sabiex tinvestiga kaz flimkien mal-Ispettur Rennie Stivala rigward abbuz li kien ghaddej gewwa l-*Identity Malta* u rigward permessi ta' residenza ghall-persuni li jigu minn pajjizi barra mill-Unjoni Ewropea. Tghid li kellhom lista ta' nies li allegatament kienu involuti f'dan l-abbuz, li kien hemm minnhom li huma mpjegati stess mal-*Identity Malta* kemm kurrenti u anka li diga` tterminaw ix-xoghol taghhom u kien hemm ukoll nies pajzana kemm Maltin u kif ukoll barranin. Tirrakkonta li fit-23 ta' Settembru 2015, l-ufficcju taghha u tal-

Ispettur Rennie Stivala kienu marru ghal diversi arresti ta' dawn in-nies. Marru l-*Identity Malta* u wettqu tfittxija ghal dokumenti u xi *files* relatati u fl-istess hin, l-Ispettur Stivala kien ghaddej fuq arresti ohra fosthom fejn kien arresta lil Dylan Difesa minn gewwa r-residenza tieghu. Taghti rakkont dwar l-interrogazzjoni ta' Difesa fejn dan ghazel li ma jikkonsultax ma' avukat u tghid ukoll li waqt l-interrogazzjoni, kien ikkopera fejn kien ukoll wassal lill-pulizija ghal diversi persuni ohra li kienu involuti f'dan ic-cirku, fosthom Buck Abela. Tixhed li Dylan Difesa kien mar ikellem lil Buck Abela u hajru biex jiffacilitalu l-gbir tal-ID cards ta' diversi persuni barranin. Tghid li mill-investigazzjonijiet li kienu ghamlu hi u l-Ispettur Rennie Stivala kienu arrestaw ukoll lil Buck Abela fejn aktar tard, dan gie interrogat. Tghid li Buck Abela ammetta l-involviment tieghu, fejn wara gie mressaq il-Qorti u l-kaz tieghu huwa issa gudikat. Tispjega wkoll li mill-interrogazzjonijiet, Dylan Difesa kien ukoll semma' lil Samir Sabri Shamor li dan ukoll eventwalment kien gie investigat. Tghid li l-involviment ta' Samir Sabri Shamor kien qed jiffacilita u jipproduci dokumenti tal-bank li l-istudenti barranin suppost kellhom jissottomettu mal-applikazzjoni tar-residenza taghhom fejn il-kontijiet tal-bank kienu qeghdin jigu ffalsifikati b'isimhom u jigu pprezentati fl-

ufficini tal-*Identity Malta.* Samir Sabri Shamor ukoll kien gie mressaq il-Qorti fejn kien ammetta l-akkuzi kontra tieghu u llum il-gurnata, huwa gudikat ukoll.

Tispjega li kienu gew interrogati u investigati diversi nies ohra fosthom Kris Farrugia, Maria Bartolo, Raffaella Sikali Mallia, Samir Sabri u diversi nies ohra li ghandhom kawzi pendenti quddiem din il-Qorti. Tghid li kienu arrestaw lil Kris Farrugia fit-8 ta' Ottubru 2015 fejn kienet saritlu tfittxija gewwa r-residenza tieghu. Tghid li kienu ttiehdulu certi oggetti li l-pulizija hasbu li huma relatati ma' din l-investigazzjoni fosthom *mobile phones* u flus kontanti, minhabba li kien hemm allegazzjoni li Kris Farrugia kien qieghed jircievi flus kontanti biex jiffacilita l-process ta' *Identity Malta.*

Xehed **PC731**, li hu stazzjonat l-*Economic Crimes Unit*, li qal li hu flimkien ma' PC878 Jurgen Muscat kienu marru jaghmlu *search* fir-residenza ta' Kris Farrugia fejn elevaw bosta oggetti fosthom elfejn ewro (€2,000) fi flus kontanti, *mobiles phones* u oggetti ohra. Gabru wkoll *envelope* bl-*istatements* u xi ricevuti u karta ohra li kienet miktuba bl-idejn b'xi *contact numbers.* Gie muri Dok 'RS1' li hija l-lista ta' oggetti li l-pulizija elevaw minn fuq il-persuna ta'

Kris Farrugia u ikkonferma li hi l-istess lista. F'seduta ohra l-istess xhud rega' xehed fejn ghamel korrezzjoni fix-xhieda tieghu. Huwa qal li kienu elevaw elfejn ewro (€2,000) mir-residenza ta' Kris Farrugia pero` fil-fatt kienu elevaw elf ewro (€1,000) fi flus kontanti li kienu kollha karti tal-ghoxrin ewro (€20).

Illi rega' xehed **l-Ispettur Rennie Spiteri,** li hu stazzjonat l-*Economic Crimes Unit*, fejn jaghmel referenza ghax-xhieda tieghu li kien ta fis-7 ta' Marzu 2016 u anki ghal Dok 'RS1' (il-lista ta' oggetti elevati minn fuq l-imputat). Jaghmel referenza ukoll ghax-xhieda tal-Ispettur Yvonne Farrugia moghtija minnha fit-18 t'April 2016 fejn kienet semmiet li kienu gew elevati xi oggetti mir-residenza ta' Kris Farrugia. L-Ispettur esebixxa materjalment l-ammont ta' elf ewro (€1000) li kien ingabar minn gor-residenza tal-imputat f'noti tal-ghoxrin ewro (€20), li gew immarkati bhala Dok 'RS6'.

Regghet xehdet **l-Ispettur Yvonne Farrugia** fejn esebiet *notebook sheet* b'numri tal-*mobile / telephone* miktubin go fih, li giet immarkata bhala Dok 'YF2'. Esebiet ukoll *envelope* li fih xi *bank statements* u ricevuti (Dok 'YF3'), kaxxa ta' Android Note 2, li fih

*pocket* ta' *mobile* u batterija u *business card* (Dok 'YF4'), *mobile phone* tal-ghamla Blackberry ta' lewn abjad (Dok 'YF5') u *mobile phone* iehor tal-ghamla Samsung S5 ta' lewn iswed li kien jinkludi fih batterija u *sim card* (Dok 'YF6').

Xehed **Joseph Muscat** li kien imqabbad bhala espert tal-Qorti biex jezamina zewg *mobiles.* Jesebixxi rapport li fih inkluda d-dettalji kollha, fejn sab kemm il-messagg u kemm il-*call* hargu minn dan il-*mobile,* kif ukoll hareg *social chart* ta' liema numri kien hemm l-istess fuq iz-zewg *mobiles.* Jispjega li f'*mobile* wiehed kien hemm izjed minn erbatax (14)-il elf (14,000) messagg u fl-iehor kien hemm bejn wiehed u iehor elf u mitejn (1,200). Dan ir-rapport gie mmarkat bhala Dok 'JM1'. Barra minn hekk, ix-xhud irritorna l-*mobiles* originali ssigillati.

Xehed **Ashour Sami**, li jikkonferma li gie mressaq il-Qorti fuq xi dokumenti foloz. Gie mistoqsi jekk jaghrafx lil Dylan Difesa mill-awla u wiegeb fil-pozittiv. Jispjega li gieli kien igiblu xi dokumenti wiehed Zeglam. Jghid li dan Zeglam hu l-istess persuna li kien cempillu u qallu: *"gej persuna ghandek fir-residenza tieghek".* Jghid li dan kien sejjer fir-residenza tieghu biex jehodlu xi

dokumenti. Jghid li kien tah xi *envelope* li fih kien hemm xi dokumenti (ta' diversi nies minn barra minn Malta) tal-*BOV* u kopja tal-passaporti. Jghid li hu kellu jaghmel xi tibdil f'dawk id-dokumenti u biex jaghtihom lil certu Ahmed. Spjega li dawn id-dokumenti kienu ha jintuzaw biex imorru d-Dipartiment tal-Identita' ta' Malta biex imexxu l-procedura. Jixhed li xoghlu kien li jiehu kopja tal-passaport kollu u jaghmel bidla fid-dokumenti tal-*BOV.* Jammetti li mhux suppost kellu jaghmel dan ix-xoghol u jghid li ghal kull kopja tal-passaport kien jithallas xi tletin ewro (€30). Jghid li lill-imputat Kris Farrugia jafu biss minhabba li Zeglam kien jghaddilu xi dokumenti. Jistqarr li hu m'ghandu x'jaqsam xejn mal-imputat.

Xehed **<u>Joseph Saliba</u>** inrapprezentanza tal-Jobs Plus. Fix-xhieda tieghu tas-7 ta' Marzu 2016, kien ipprezenta dokumenti (Fol. 59, 60 u 61), ta' Maria Bartolo, Mark Abela u Raffaella Sikali Mallia. Kien prezenta wkoll l-*employment history* ta' Kris Farrugia, li giet immarkata bhala Dok 'JS2'. Ix-xhud ikkonferma li dawn it-tliet dokumenti li kien esebixxa huma veri kopji.

Xehed **<u>Joseph Montebello</u>** bhala rapprezentant tal-*Identity Malta.* Gie muri dokument li gie mmarkat bhala Dok 'GS2', li huwa kuntratt bejn Clarise Mifsud u Kris Farrugia. Ix-xhud jghid li Kris Farrugia kien gie assenjat xoghol mal-*Identity Malta* mis-*Secretarial Services* u dam jahdem mit-18 ta' Frar 2013 sal-31 t'Awwissu 2015.

Xehed **<u>Stephen Mifsud,</u>** *accountant*, inrapprezentanza tas-*Secretarial Services* fejn kien gie mitlub jipprovdi xi kuntratti tax-xoghol ta' certi persuni. Jghid li l-kuntratt tax-xoghol li ghandu hu ta' Kris Farrugia huwa mill-1 sal-ahhar ta' Lulju. Jispjega li dawn kienu *monthly contracts.* Jghid ukoll li ghandu t-*termination* tieghu li hija 31 t'Awwissu 2015. Jispjega li r-raguni li qeghdin maqsumin bhala *monthly contracts* hi ghax kienu *temporary jobs*. Jghid li l-imputat beda mas-*Secretarial Services* fit-18 ta' Frar 2013. Kompla jixhed li kemm Kris Farrugia u Maria Bartolo kellhom kuntratt ta' xahar. Jghid li Kris Farrugia kien hadem xi sentejn u nofs u allura hemm xi tletin (30) kuntratt. Jesebixxi dokument bil-*payslips* u *engagement u termination forms* tal-imputat, li gew immarkati Dok 'SM'.

Xehdet **<u>Maria Bartolo</u>** inkontroezami fejn gharfet lill-imputat Kris Farrugia u kkonfermat li hu kien jaghmel l-istess xoghol bhalha. Giet mistoqsija taghti konferma ta' xi affarijiet li kienet diga` qalet Raffaella Sikali Mallia u anka Kris Farrugia meta kienu qeghdin jigu interrogati mill-Pulizija. Tispjega l-procedura ta' meta jigu japplikaw ghall-permess ta' residenza fejn tghid li n-nies li kienu jmorru, kienu jaghtuhom xi dokumenti u l-haddiema jimputtjaw id-dettalji taghhom fis-sistema. Tispjega li wara li ddahhlu d-dettalji, l-applikazzjoni tmur awtomatikament ghall-verifikazzjoni ghand il-pulizija. Tispjega li wara li l-applikazzjoni tmur ghand il-pulizija, ma jkunx jista' jkun hemm ebda tibdil fl-applikazzjoni. Tispjega li l-ghajnuna li taw hi, Buck Abela u Kris Farrugia kien li ghenu lin-nies iqabbzu l-kju.

Fir-riezami, ix-xhud tispjega li meta kienet tircievi flus ghal dan ix-xoghol li kienet taghmel, tghid li kienet tircievihom minn zewg Gharab. Tispjega li kien mar fuqha l-imputat u qalilha li hemm persuna li kien qieghed jaghti l-flus. Tghid li ghall-bidu l-flus kien itihomlha l-imputat stess, izda wara kienet bdiet tiltaqa' personalment mal-persuna li jaghti l-flus. Tghid li kienet tiehu hames mitt ewro (€500), pero` tghid ukoll li ma tantx tiftakar

kemm. Tghid li kif l-applikazzjoni tigi approvata u l-*card* tkun lesta biex tingabar mill-applikant, ma kinux qeghdin imorru l-applikanti jigbruhom izda tghid li gieli mar Buck Abela jew gieli anka wiehed mill-Gharab bl-isem ta' Hamza. Tixhed ukoll li darba fil-gimgha kien imur rapprezentant ta' Ministru li kien jitlobhom jaghmlu l-istess affarijiet li gieli talabhom jaghmlu l-imputat. Tghid pero` li r-rapprezentant tal-Ministru qatt ma hallasha ghal dan ix-xoghol. Qalet li b'kollox l-imputat kien ghaddielha ghoxrin elf ewro (€20,000) u fuqhom li kienet qalathom fi tliet xhur, pero` dawn il-flus ma kienx ghaddihomlha kollha l-imputat izda kien hemm flus li rceviet minghand l-Gharbi direttament. Tghid li l-imputat ghaddielha l-ewwel hamest elef (€5,000) u tispjega li meta giet biex tirritornahom lura l-flus, kienet irritornat hmistax (15)-il elf (€15,000) lill-Gharbi, l-istess ammont li l-Gharbi kien tahomlha direttament.

Xehed <u>**Jesmond Farrugia**</u>, missier l-imputat. Gie mistoqsi dwar it-tfittxija li kienet saret fir-residenza tieghu u tal-mara, u cioe` l-istess dar li fiha kien qieghed jirrisjedi l-imputat dak iz-zmien. Jispjega li l-elf ewro (€1,000) li gew elevati mill-pulizija kienu tieghu, li kienu qeghdin fil-kamra tat-tifla tieghu u jghid li dahlu

jfittxu fil-kamra tat-tifla ghax dak iz-zmien, l-imputat kien qed jorqod fl-istess kamra tat-tifla.

Illi fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Frar elfejn wiehed u ghoxrin (2021) id-difiza talbet li jsir *social enquiry report.*

Illi l-Ufficjal tal-Probation Rona Agius Custo` ipprezentat *social enquiry report* fejn hija kkonkludiet li l-imputat jghix hajja stabbli u ma jirrizultax li hemm bzonn ta' interventi professjonali.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel imputazzjoni li bih gie addebitat l-imputat Kris Farrugia huwa r-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku sancit bl-Artikolu 115 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:-

> ***"115.(1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi***

*vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati -*

*(a) jekk l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew tal-offerta, ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin;*

*(b) jekk l-iskop ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, għall-fatt biss li jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa ħames snin;*

*(c) jekk, barra milli jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, l-uffiċjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sena sa tmien snin."*

Illi jinghad li l-elementi generali li jaqghu taht ir-reat tal-korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku huma elenkati f'kawza bl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar et (deċiż fid-19 ta' Lulju, 1982)</u> fejn inghad:-

1. Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku.

2. L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta' ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd.

3. L-azzjoni ta' l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r-rigal, weghda jew offerta trid tkun in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu.

4. Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.

1. <u>Illi l-hati jrid ikun ufficcjal jew impjegat pubbliku:</u>

**Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri**, **deciz fil-25 ta' Lulju, 1986**: "l-ewwel ingredjent huwa relattiv ghan-natura ossia ufficcju tal-persuna li tkun accetta r-rigal. Il-ligi espressament tirrikjedi li din il-persuna tkun ufficcjal pubbliku jew impjegat pubbliku, u ghalhekk huwa eskluz kull min ma jkollux din il-vesti. Ir-raguni ta' dan l-ingredjent jinsab fir-ratione legis li hija dik li tipprotegi l-interess tas-socjeta'...."

**Il-Pulizija vs Joseph Buhagiar et, deciza fid-19 ta' Lulju, 1982**: " ... jirrizulta mill-provi li l-imputati George Vassallo u Carmelo Mifsud

huma impjegati tal-Gvern u t-tnejn jaqghu taht id-definizzjoni ta' impjegat pubbliku.."

2. L-accettazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta' ta' xi rigal li ghalihom ma jkunx hemm jedd.

**Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri, deciz fil-25 ta' Lulju, 1986**: "It-tieni estrem tar-reat odjern jirrikjedi li l-impjegat pubbliku ikun ircieva jew accetta xi rigal jew vantagg jew utilita. F'dan ir-rigward, Il-Qorti tosserva li l-lokuzzjoni adoperata mil-ligi hija tali li tirrikjedi fiha kull haga li tista' tkun ta' vantagg ghal persuna li tkun giet korrotta, u ghalhekk mhux necessarju li dan il-vantagg ikun jikkonsisti fi flus. Dak li hu essenzjali hu li l-oggett ikun ta' beneficcju ghalih, ghax f'dan il-kaz hemm l-inkoraggjament f'din il-persuna li titradixxi l-fiducja moghtija lilha mis-socjeta' billi tkun qieghda taghmel ghal vantagg taghha dak li suppost qed taghmel minghajr hlas."

**Il-Pulizija [Spettur Antonovich Muscat] vs Joseph Attard, deciz fid-19 ta' Frar, 2021**: "B'dan pero' illi jrid ikun hemm almenu weghda ta' flus jew ta' xi vantagg iehor ikun x'ikun. Jekk l-ufficjal pubbliku

jew impejgat pubbliku jcedi ghall-solicitazzjoni jew pressjoni minghajr ma jkun hemm tali weghda l-att tieghu ma jammontax ghall-att ta' korruzzjoni… Illi jrid jinghad ukoll illi minn kliem il-ligi stess mhux necessarju li r-rigal, weghda jew offerta jsir lejn l-ufficjal pubbliku personalment jew li tigi accettata personalment minnu."

**Il-Pulizija vs Victor Busuttil Naudi, deciz fil-11 ta' Jannar 1950**: "biex wiehed jaghmel id-delitt kontemplat fl-artikolu 118 (2) illum 120 (2) tal-kodici kriminali huwa mehtieg li l-offerta li biha jittanta l-ufficjal pubbliku, jaghmilha jekk mhux direttament ghall-inqas indirettament lill-ufficcjal pubbliku. Biex jinghad li l-offerta saret indirettament lill-ufficjal pubbliku jehtieg li dina tkun intiza biex tasal ghandu u biex huwa jsir jaf biha, izda minghajr ma hu mehtieg li l-vantagg jew utili offert ikun intiz personalment ghalih."

**Il-Pulizija vs Alfred Demicoli** kkwotat fix-xogholijiet tal-Professur Mamo; "Ghandu jinghad ukoll illi ghall-fini tal-artikoli tal-Kodici Kriminali specjalment l-artikolu 114 (illum 115), l-ammont ta' dawn il-hlasijiet huwa irrelevanti."

<u>3. L-azzjoni ta' l-ufficcjal jew impjegat pubbliku li jaccetta r-rigal, weghda jew offerta trid tkun in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu.</u>

**Il-Pulizija vs Lawrence sive Lorry Cuschieri, deciz fil-25 ta' Lulju, 1986**: "It-tielet ingredjent jesigi li dan il-vantagg jigi accettat in konnessjoni mal-kariga jew l-impieg tal-persuna korrotta. In subjecta materja, il-qorti jidhrilha opportun li jigi osservat il-lokuzzjoni xejn ristretta adoperata mill-ligi. Kull ma hu necessarju hu li l-att in kwistjoni, relattiv ghal vantagg offert, ikun konness mal-funzjonijiet tal-impjegat, izda b'mod li jidhol fl-ambitu tal-funzjonijiet tieghu, ghax huwa unikament f'dan il-kaz li jista' jigi pregudikat l-interess generali. Fi kliem iehor l-att intiz irid ikun, 'an act of his office'."

**Il-Pulizija vs Liliana Galea, deciza fil-11 ta' Diċembru, 1956**: "An act which is foreign to the functions of such public officer and which he would not have the right to do by virtue of his office, will indeed be an act of that officer but not an act of his office. It does not matter, however, whether the act falls directly within the officer's own competence or whether it falls within his delegated

functions. What is indispensable is that the act be one which the officer could do in the exercise of his duties."

4. <u>Ghal fini li l-impjegat jew ufficcjal jaghmel jew biex ma jaghmilx dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.</u>

Il-Professur Mamo, fin-***Notes on Criminal Law, Revised Edition (1954-1955),*** **P. 103** jghid hekk a rigward dan il-punt - *"In the second hypothesis, that is when the reward is given or promised to induce the officer to fail in his duty, ... Only, if besides accepting the reward etc. the public officer or functionary actually fails in his duty the punishment is higher, proportionately to the gravity of the failure of the duty concerned"*.

Fil-kawza bl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs Edwin Vassallo</u> (deciza fit-12 t'Awwissu, 2019)** intqal is-segwenti:-

*"Il-Qorti wkoll tikkwota lill-Professur Mamo fil-kitbiet tiegħu fuq Notes on Criminal Law, fejn jgħid li; "this crime subsists at any rate in it simple form, irrespective of the*

*inherent justice or injustice of the act which the reward was intended to induce the public officer to do. The Justice or injustice of what the public officer does or engages to do in view of the reward or promise or offer or reward, is not an essential ingredient of the crime but only serves as a criterion to distinguish one form of the crime from another for the purpose of punishment."*

Il-Qorti tikkwota wkoll mis-sentenza msemmija fil-kitbiet tal-Professur Mamo, dik bl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Alfred Demicoli supra citata, fejn intqal illi *"b'referenza ghar-raba' element ghandu jigi stabbilit jekk l-ufficjal pubbliku hax il-flus bl-iskop jew li jaghmel dak li huwa fid-dover li jaghmel jew li jonqos li jaghmel dak li hu fid-dover li jaghmel (sottolinear ta' din il-Qorti). Id-differenza fil-prattika tirrigwarda l-piena li ghandha tigi applikata."*

1. Li in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalih huwa ma kellux jedd, ghall-fatt biss li jkun accetta

**<u>l-hlas, il-weghda jew l-offerta sabiex l-ufficjal, jew impjegat jonqos li jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.</u>**

L-istess Professur Mamo fuq dan it-tieni punt jghid hekk:- *"In the second hypothesis, that is when the reward is given or promised to induce the officer to fail in his duty, there is an addition to the injury to the good name of the Service, also the danger of actual inquiry to the rights of individuals or of justice, and the law takes account of this for the purpose of aggravating the punishment. Even in this second hypothesis the crime is completed by the mere acceptance of the reward or promise or offer."*

Fis-sentenza **<u>Il-Pulizja Spettur Paul Vassallo Spettur Angelo Gafa' Spettur Jonathan Ferris vs Raymond Ferris</u> (deciza fis-17 ta' Marzu, 2016)** intqal - *"b'referenza partikolari għal 115(1)(b) naraw illi d-definizzjoni ta' korruzzjoni hija wiesa ħafna u tkopri diversi aspetti fosthom li persuna tirċievi jew taċċetta rigal jew wedgħa, jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, kemm għaliħ jew għall-ħaddieħor għal liema flus jew rigal jew offerta eċċ ma jkollux jedd. … huwa biżżejjed li dan il-ħlas,*

*wedgħa jew offerta tiġi aċċettata anki jekk din effettivament ma timmaterjalizzax."*

Ukoll <u>Il-Pulizija vs David Gatt</u> **(deciza fit-28 ta' Marzu, 2012)** intqal illi *"sakemm ma jkunx hemm ftehim qabel il-kommissjoni ta' l-att ma jistax ikun hemm korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku wara li dan ta' l-ahhar ikun qeda d-dover tieghu. Il-Professur Mamo jghallem li 'as Section 114(a) and (b) (illum 115(a) u (b)) are worked, it seems that there can be the crime of corruption only where the reward promised or offered is made to the public officer and accepted by him in respect of an act he has yet to do and not also for an act he may have already done."*

Fil-<u>Pulizija (Spettur Frank Anthony Tabone) vs Edwin Vassallo</u> **(deciza fit-12 t'Awwissu, 2019)** - *"Ghal dak li jirrigwarda l-element intenzjonali, l-Maino jkompli jghallem li b'referenza ghal art. 171 u 172 (tal-Kodici 1865) "...... a costituire il delitto di corruzzione e ` necessario il concorso delle due volonta ` del corruttore e del corrotto, il loro accordo e la loro fusione sul patto eriminoso ... l-ligi Maltija qatt ma resqet lura l-konsumazzjoni tar-reat ghal mument tal-ftehim, peress li l-ufficjal pubbliku dejjem jista `*

*jregga lura minn dak pattwit u jimxi fit-triq id-dritta u din il-possibilita` m'ghadhix tigi negata. Huwa biss meta l-"concorso delle due volonta` del corruttore e del corrotto" jigi msarraf f'dak miftihem li r-reat ta' korruzzjoni jkun kunsmat".*

2. Li in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalih huwa ma kellux jedd, sabiex l-ufficjal jew impjega jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel;

Sentenza li tixbah hafna l-kaz inkwistjoni hija Il-Pulizija [Spettur Yvonne Farrugia] vs Giuseppe Maria Cini **(deciza fit-28 ta' Marzu, 2012)** fejn intqal:-

*"Huwa għalhekk li d-disposizzjoni ikkwotata tapplika anki għal min sempliċiment jitlob kumpens jew 'rigal' għal dak li hu fi dmiru li jagħmel u dan mhux marbut mal-aċċettazzjoni ta' din l-għotja … Kwindi l-korruzzjoni mertu ta' din il-kawża tirriżulta indipendentement minn jekk kienx hemm ftehim bejn il-partijiet .. minn jekk l-*

*azzjoni konnessa ma din il-pretiża ġietx kompjuta bl-għoti o meno ta' dan ir-rigal.. . . .*

*hu irid ikun jew talab, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor rigal, wegħda jew offerta ta' xi rigal fost oħrajn u dan in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu. Fil-każ in kwistjoni ġie kkonfermat anki minnu stess li kien l-appellat li talab għal din il-miżata żejda u dan bħala rigal tal-fatt li kien lest li jtawlilhom iċ-ċerimonja. Evidentement ukoll il-provi juru li t-talba saret 'in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu' bħala reġistratur taż-żwiġijiet ċivili. Dawn l-elementi huma marbuta mal-kontenut tal-paragrafu (a) ta' din id-disposizzjoni li jindikaw l-iskop ta' dan ir-rigal anki jekk sempliċiment mitlub u ċioe, li hu jagħmel xi ħaġa li huwa fid-dmir tiegħu li jagħmel, f'dan il-każ, li jkun iċ-ċelebrant fir-reġistrazzjoni taż-żwieġ tas-sinjuri Camilleri."*

<u>Ikkunsidrat</u>:

Illi fil-kaz odjern hareg mill-provi illi l-imputat kien jiehu flus minghand xi persuni sabiex jigu processati applikazzjonijiet ta' studenti barranin. Illi ghalhekk l-imputat kien qed jithallas sabiex jaghmel xi haga li suppost kellu jaghmel fil-kariga ufficjali tieghu. Ghaldaqstant id-decizjoni supra citata tinkwadra perfettament mal-proceduri odjerni u ghalhekk ghandu ugwalment jinkwadra r-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku a tenur tal-Artikolu 115(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi a rigward tar-raba' (4) akkuza addebitata lill-imputat u cioe' dik kontemplata fl-Artikolu 121A(1) tal-Kapitolu 9 dan l-Artikolu jghid hekk:-

> *"121A. (1) Kull min iwiegħed, jagħti jew joffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-Sub-titolu u ta' xi persuna oħra, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teserċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal*

*dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor, għandu, meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet snin sa sitt snin".*

Illi fid-decizjoni bl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Gino Zammit</u> **(deciz fis-17 ta' Settembru, 2008)** inghad is-segwenti:

*"Illi minn ezami ta' l-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartiklu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha il-kaz fejn A is-soggett attiv, qieghed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq biex B jinfluwenza kif jiddeciedi C., sija jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor, prezumibbilment D."*

Illi fis-sentenza <u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Dr. Noel Arrigo</u> **(deciz fis-26 ta' Novembru 2009)** inghad:

*"Ikun ħati ta' dan ir-reat kemm (i) min jagħmel wegħda jew offerta lil persuna oħra li turi li hi għandha influwenza mhux xierqa fuq kif tiddeciedi terza persuna li jkollha funzjoni pubblika, bħal ma hu gudikant, biex tinqeda b'dik l-influwenza, u jkun ħati wkoll (ii) min, wara li jkun wera li għandu dik l-influwenza, jaccetta l-offerta li ssirlu bil-għan li jinqeda b'dik l-influwenza fuq it-terza persuna; ma huwiex biżżejjed li jkun laqa' l-offerta biex jinfluwenza lilu nnifsu."*

Ukoll <u>Il-Pulizija vs Godfrey Formosa</u> **(deciz fis-27 ta' Frar, 2019)**:

*"huwa meħtieġ li jkun hemm tlett partijiet involuti fil-kummissjoni ta' dan ir-reat u ċioe`, il-persuna li tħallas jew tagħti rigal jew alternattivament twiegħed dan lil persuna oħra biex dan tal-aħħar jinfluwenza terża persuna li tkun tista' da parti tagħha tipprovdi dak mixtieq jew tieħu deċizjoni rigward dak mistenni jew pretiż mill-ewwel parti f'din il-katina. In oltre lpersuna hekk imħallsa trid tkun ikkonfermat li hi għandha s-setgħa li tinfluwenza lil terża persuna sabiex dan jeffetwa dak mixtieq jew mistenni."*

Finalment fi**<u>l-Pulizija (Spt. Angelo Gafa`) vs Lourdes Castillo</u> (deciz fl-10 ta' Jannar, 2014)** gie spjegat kif dan l-Artikolu huwa msejjes fuq l-artikolu 12 tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Korruzzjoni, u jikkwota l-ispjega ta' tali artikolu fl-*Explanatory Report* tieghu:-

> *"65. This provision criminalises a corrupt trilateral relationship where a person having real or supposed influence on persons ... trades this influence in exchange for an undue advantage from someone seeking this influence. The difference, therefore, between this offence and bribery is that the influence peddler is not required to "act or refrain from acting" as would a public official. The recipient of the undue advantage assists the person providing the undue advantage by exerting or proposing to exert an improper influence over the third person who may perform (or abstain from performing) the requested act. "Improper" influence must contain a corrupt intent by the influence peddler: acknowledged forms of lobbying do not fall under this notion. Article 12 describes both forms of this corrupt relationship: active and passive trading in*

*influence. ... "passive" trading in influence presupposes that a person, taking advantage of a real or pretended influence with third persons, requests, receives or accepts the undue advantage, with a view to assisting the person who supplied the undue advantage by exerting the improper influence. "Active" trading in influence presupposes that a person promises, gives or offers an undue advantage to someone who asserts or confirms that he is able to exert an improper influence over third persons".*

<u>Ikkunsidrat:</u>

Illi ghalhekk huwa car u inkonfutibbli illi dan l-Artikolu ma japplikax ghall-kaz inkwistjoni u dan ghall-fatt illi t-tliet persuni msemmija fis-sentenzi kkwotati ma jezistux. Illi mill-provi hareg illi kienu jinghataw xi flus lil Kris Farrugia u lil xi mpjegati ohra kollegi tal-imputat sabiex jigu pprocessati certi applikazzjonijiet. Illi ma ngabet l-ebda prova ta' dawn l-applikazzjonijiet u x'suppost kellhom hazin jew jekk kellhomx xi partikolaritajiet foloz. Illi x-xhud Ryan Spagnol isemmi li kien hemm xi haga hazina

f'dawn l-applikazzjonijiet u ghalhekk kien allerta lil Kris Farrugia u lil shabu dwarhom izda ma jispjegax x'kienu dawn l-irregolaritajiet. Inghad ukoll illi f'xi applikazzjoni kien hemm kont tal-bank li kellu certu ammont meta fil-fatt l-ammont kellu jkun anqas. Illi dawn l-ispekulazzjonijiet kollha qatt ma gew ippruvati mill-prosekuzzjoni u dawn l-applikazzjonijiet qatt ma gew ipprezentati fil-proceduri u ghalhekk ghandhom jibqghu jkunu kkunsidrati tali.

Illi di' piu' ma giex ippruvat illi Kris Farrugia kellu xi rwol determinanti ghall-hrug ta' dawn l-applikazzjonijiet. Dak li gie ppruvat hareg mix-xhieda ta' shabu stess li kienu gew iggudikati diga' fuq akkuzi simili u cioe' illi huma kull ma ghamlu hu li haffu l-process ta' dawn l-applikazzjonijiet u dan billi semplicement qabbzulhom il-kju. Illi kif ukoll gie spjegat minn Maria Bartolo, wara li kienu jipprocessaw dawn l-applikazzjonijiet, dawn kienu jmorru b'sistema kompjuterizzata ghand il-Pulzija sabiex kien jinhareg finalment dan il-permess. Illi ghalhekk huwa car illi dan l-Artikolu ma jsibx applikazzjoni f'dawn il-proceduri.

Illi l-hames (5) akkuza hija msejjsa fuq l-Artikolu 112 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:-

*"112. Kull uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew kull impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk ikollu kemm jekk ma jkollux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, jesiġi dak li l-liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa sena."*

Illi fuq dan ir-reat il-**Professor Anthony Mamo**, fin-Noti tieghu ta' *Lectures in Criminal Law,* taht it-titolu msejjah <u>'Of the Abuse of Public Authority'</u> jelenka l-elementi ta' dan ir-reat u cioe':

*"1. The public character of the offender;*

*2. The unlawful exaction; u*

*3. The colour of office."*

*"It is, in the first place necessary that the offender be an officer or employee of a public administration or a person employed by or under the Government."*

<u>Fil-Pulizija vs Alfred Attard</u> **(deciz fit-28 ta' Frar, 2005)** intqal illi:

*"Dan hu reat komunement maghruf bl-ingliz bhala dak ta' 'unlawful exaction'. .....*

*Illi ghalhekk huwa importanti li jigi ppruvat li l-malvivent huwa ufficjal jew impjegat t'amministrazzjoni pubblika jew persuna impjegata mal-Gvern jew mill-Gvern. Il-ktieb tal-ligi huwa wiesgha hafna u ghalhekk jinkludi kull persuna li huwa direttament jew indirettament fis-servizz pubbliku. <u>B'hekk kwalunkwe persuna li m'ghandhix dan l-impjieg</u>, ma tistax tinstab hatja ta' dan r-reat anke jekk talab xi flejjes jew oggetti ta' valur zejda waqt il-qadi ta' dmirijietu anke jekk ittanta jghamilha ta' ufficjal pubbliku. Ghalhekk **il-kariga ta' ufficjal pubbliku hija element inerenti** ta' dan r-reat u mhux cirkostanza aggravanti bir-reat.*

*Mill-banda l-ohra, jekk il-persuna li qed titlob l-flus jew hag' ohra li mhix dik skond l-ligi, tinsab f'dan is-servizz pubbliku kif fuq deskritt huwa immaterjali jekk ghandu jew m'ghandux skond limpjieg tieghu, d-dritt li jircievi flus jew effetti ta' remunerazzjoni ghas-servizzi tieghu jew akkont tal-Gvern jew stabbiliment pubbliku iehor. Din id-disposizzjoni ghandha tigi nterpretata b'mod generali ghaliex r-reat huwa wiehed li jista jigi kommess minn kwalsiasi tip t'ufficjal, kemm jekk jithallas b'mod regolari b'salarju, b'imqieta jew anke jekk jaghti servizz gratuwitu.*

***It-tieni element** huwa li jintalab flus jew haga li mhux dovut legalment 'unlawful exaction'. Dak li jitlob il-malvivent ghandu jkun dak li mhux intitolat ghalih jew huwa in eccess ghal dak li huwa intitolat ghalih, jew li huwa mitlub qabel ma huwa dovut. Il-pubbliku ghandu jkun protett minn tali forma ta' dan r-reat tant ikrah. Ir-reat huwa komplet [u ma jissejjahx attentat anke skond l-awturi famusi] meta hemm t-talba illecita bl-ingliz 'exaction', anke jekk il-vittma ma tkunx halset jew accettat li thallas dak li kien mitlub ihallas illegalment.*

*Skond il-***Professur Mamo***: "The mere demand by the public officer or servant, provided it is serious and calculated potentially to achieve the intent, is sufficient to complete the crime."...*

*Dan hu reat formali u dak li l-ligi thoss li ghandha tipprevjeni ma hux d-dritt ta' pussess privat izda d-dritt pubbliku li l-istat ghandu jiggarantixxi li jagixxi b'mod gust u ekwu tramite r-rappresentanti tieghu u cioe l-impjegati pubblici, u dan d-dritt huwa vjolat meta impjegat pubbliku jesigi dak li mhux intitolat ghalih jew hu in eccess ghal dak li hu intitolat ghalih jew jesigi dak li ma jkunx ghadu dovut lilu.*

*Ghalhekk b'dan nifhmu ahjar dak li trid il-ligi meta fid-disposizzjoni fuq imsemmija insibu lkelma "tesigi" u cioe fis-sens li ghandha tifhem li rikjesta llecita hija bizzejjed ghal esistenza ta' dan r-eat u m'hemmx bzonn li dak li jkun, ikun ircieva dak li talab jew ahjar esiga. Lanqas ma huwa necessarju skond l-ligi li l-ufficjal pubbliku li jesigi flus jew hwejjeg, jaghmel dan ghal gwadan tieghu. Huwa*

*reat anke jekk dak l-ufficjal jesigi flus jew hwejjeg mhux dovuti legalment u jircievi u jehodhom ghal gwadan tal-Gvern.*

*Skond l-awtur Taljan* **Maino***: "Il reato di consussione consisteva nell'abuso dell'autorita per riscuotere cio che non e' dovuto per tasso diritti o alter contribuzioni."*

***Fit-tielet lok,*** *huwa mehtieg li dak li jghamel ufficjal pubbliku, ghamlu* ***fil-qadi ta' dmirijietu****. Mhux necessarju li l-malvivent li jitlob il-flus jew hwejjeg illegalment, jaghmel hekk b'mod volut "knowingly", izda semplicement huwa rikjest li jigi ppruvat li dak li ghamel u cioe esiga l-flus jew hwejjeg ghalih meta ma kienx intitolat li jaghmel hekk."*

Illi fil-kawza supra citata u cioe' **<u>Il-Pulizija [Spettur Yvonne Farrugia] vs Giuseppe Maria Cini</u> intqal**:

*"Illi allura jekk kelna nippuntwaliżżaw l-elementi ewlenin ta' dan ir-reat naraw li (1) minn qed jikkometti r-reat irid*

*ikun uffiċjal pubbliku jew impjegat mal-Gvern, (2) ikun esiġa xi jedd inkluż rigal li strettament seta' anki kien dovut lilu (3) din it-talba jew pretiża ssir taħt il-libsa tal-kariga tiegħu u (4) il-pretiża trid tkun jew illegali jew iktar milli l-liġi tippretendi għaliha fost xenajri oħra kif indikat fiddisposizzjoni hawn fuq ikkwotata."*

**Ikkunsidrat**:

Illi din id-decizjoni nghad li kellha hafna somiljanzi mal-kaz *de quo* a rigward ir-reat ta' korruzzjoni izda ma ghandhiex somiljanzi ghal dan ir-reat u dan stante li minn imkien ma gie ppruvat illi kien l-imputat illi talab ghall-flus biex jaghmel dak li ghamel u ghalhekk minghajr l-ebda dilungar fuq dan il-punt din il-Qorti ma thossx li giet ippruvata din l-akkuza.

Illi l-ahhar akkuza addebitata lill-imputat Kris Farrugia li rrenda ruhu komplici fl-ghoti ta' dikjarazzjonijiet foloz lill-Awtorita' Pubblika a tenur tal-artikoli 42 u 188 tal-Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi s-segwenti:-

*"42.Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija -*

*(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew*

*(b) tkun ġiegħlet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorità jew setgħa, inkella li tkuntat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew*

*(ċ) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew*

*(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew*

*(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volontà tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistih, tieqaf miegħu jew tikkompensah."*

Illi l-istess **Professur Mamo** fuq dan il-punt jghid:

*"Now, the notion of participation in an offence implies that one and same is the offence committed, the subjects responsible therefore are several, and consequently, there must be fulfilled in respect of each of them, the conditions required to constitute the subject of an offence. The two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and to have done something towards committing it. . . . .*

*a defendant charged as an accomplice must be proved to have done something in furtherance of a common purpose i.e. he must procure, incite or, in some other way specified in the law, encourage or assist in the act done by the principal...In order that it may be said that a man has concurred in an offence committed by another, it is necessary that he should have done some effort for the offence to be committed so that a causal connection can be traced between such an effort and the commission of the offence".*

Illi f<u>il-Pulizija vs. Kenneth Ellul</u> **(deciz nhar il-15 ta' Jannar 2015)** fuq dan il-punt inghad:

*"jrid jirrizulta "a common design" li gie mfisser "the two or more persons concurring in the offence must be shown to have intended one and the same offence and have done something towards committing it." Kwindi jrid jigi ippruvat minghajr dubbju dettat mir-raguni illi l-appellant kellu l-istess intenzjoni u hsieb tal-awtur principali ta' dan ir-reat illi ghamel atti preparatorji u jwettaq ir-reat".*

Di piu' f<u>ir-Repubbblika ta' Malta vs Meinrad Calleja</u> **(deciz fit-3 ta' Mejju 2000)** intqal aktar:

*"il-komplicita' hija essenzjalment il-partecipazzjoni ta' aktar minn persuna wahda fil-kommissjoni ta' reat. Biex ikun hemm il-kompartecipazzjoni fis-sens tal-Artiklu 42 tal-Kodici Kriminali taghna, hu mehtieg illi l-partecipanti jkunu agixxew materjalment (u b'wiehed mill-modi imsemmija f'paragrafu (a) sa (e) ta' dan l-Artiklu), b'determinazzjoni kriminuza komuni jigifieri meta l-mohh*

*ta' kull wiehed minnhom kien dirett ghall-kommissjoni ta' l-istess reat.' ... 'Illi sabiex ikun hemm din id-determinazzjoni kriminuza komuni, mhux mehtieg li l-kompartecipi fir-reat ikunu tkellmu bejniethom jew addirittura ltaqghu; il-komunanza fid-determinazzjoni tista' anke ssehh permezz ta' terz li jinterponi ruhu...'".*

Ikkunsidrat:

Illi kif inghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, ma ngabet l-ebda prova mill-prosekuzzjoni li kien hemm xi dikjarazzjonijiet foloz fl-ipprocessar ta' dawn l-applikazzjonijiet u gialadarba l-akkuza ta' komplicita' hija intrinsikament marbuta ma' dikjarazzjonijiet foloz mela allura din l-akkuza certament ma ssibx applikazzjoni. Illi hareg car tul il-proceduri illi l-imputat Kris Farrugia qatt ma seta' kellu xi *forma mentis* ta' persuna li setghet tinstiga dan il-process kriminuz kollu izda hareg profil ta' persuna dghajfa u mmatura illi setghet facilment tigi mmanipulata.

Illi f'dan l-istadju din il-Qorti qed taghmel referenza ghar-rapport tal-Probation Officer Rhona Agius Custo' datat 11 ta' Gunju 2021

fejn hija kienet hejjiet *Social Enquiry Report* fuq l-imputat fejn hija stabbiliet illi l-imputat ghandu hajja stabbli, m'ghandux vizzji, qatt ma xellef difrejh mal-gustizzja u li ghandu bazi ta' familja soda. Illi l-Qorti nnutat ukoll illi l-imputat kellu eta' pjuttost zghira meta gie kommess dan ir-reat u ghalhekk dan jorbot ma' dak li ntqal aktar 'il fuq minn din il-Qorti a rigward il-karattru dghajjef tal-istess fejn gie kkonfermat anke mill-Probation Officer fir-rapport taghha. Illi dan il-fatt ser ikun rifless fis-sentenza moghtija lill-istess imputat Kris Farrugia.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 115(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat Kris Farrugia hati biss tat-tielet (3) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin. Filwaqt, li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha fuq nuqqas ta' provi.

Inoltre u a bazi tal-Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-imputat qed jigi kkundannat ukoll ghall-piena tal-interdizzjoni generali temporanja ghal zmien tliet (3) snin dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

-----------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**